KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MAZÁK
ippreżentati fid-9 ta' Diċembru 2010[1]

I — Introduzzjoni

1. Permezz ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni, fit-8 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni qiegħda titlob il-konstatazzjoni li r-Repubblika tal-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE u l-Artikoli 28 u 31 tal-Ftehim ŻEE billi tittratta b'mod inqas favorevoli x-xiri ta' proprjetà residenzjali fl-Ungerija mal-bejgħ ta' proprjetà residenzjali fi Stat ieħor milli huwa mogħti lix-xiri ta' proprjetà residenzjali fl-Ungerija mal-bejgħ ta' proprjetà residenzjali fl-Ungerija.

II — Kuntest ġuridiku

2. Skont il-Paragrafu 63 tal-Liġi CXVII tal-1995 dwar it-taxxa fuq id-dħul (iktar 'il quddiem "Liġi CXVII"), "ir-rata tat-taxxa pagabbli fuq id-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli u d-drittijiet fuq il-proprjetà għandha tkun dik ta' 25 fil-mija. […] It-taxxa mħallsa għandha titnaqqas (jew ma għandhiex titħallas) bl-ammont tat-taxxa imposta fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà jew dritt fuq proprjetà (allowance għal xiri tal-akkomodazzjoni) li tintuża għax-xiri ta' proprjetà għal użu residenzjali, minn individwu privat, għalih innifsu, membru tal-familja immedjata jew ex konjuġi, fit-tnax —il xahar qabel l-irċevuta tad-dħul jew is-60 xahar wara dik id-data (bażi tal-allowance għax-xiri tal-akkomodazzjoni)." Dik l-allowance għax-xiri tal-akkomodazzjoni għandha tingħata biss jekk l-investiment ikun relatat ma' proprjetà residenzjali fl-Ungerija.

3. Il-Paragrafu 1 tal-Liġi XCIII tal-1990 dwar it-taxxi (iktar 'il quddiem il-"Liġi XCIII") jipprovdi:

"Għandha titħallas taxxa fuq il-proprjetà fuq wirt, rigal jew trasferiment ta' proprjetà bi ħlas."

4. Il-Paragrafu 2 tal-Liġi XCIII jipprovdi:

"[…] id-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fuq ir-rigali u t-trasferimenti ta' proprjetà bi

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

ħlas għandhom japplikaw għal proprjetajiet fi ħdan it-territorju nazzjonali u d-drittijiet fuq il-proprjetà relatati, sakemm ma jkunx pprovdut mod ieħor permezz ta' konvenzjoni internazzjonali."

5. Fl-aħħar nett, il-Artikolu 21(5) tal-Liġi XCIII jipprovdi:

"[…] Fejn xerrej privat ibigħ ir-residenza l-oħra tiegħu fi żmien sena qabel jew wara x-xiri, il-bażi tal-istima għall-kalkolu tat-taxxa għandha tkun id-differenza bejn il-valur — gross — tal-proprjetà mixtrija u dak tal-proprjetà mibjugħa."

III — Proċedura prekontenzjuża u rikors

6. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Gvern Ungeriż għall-fatt li l-liġi tat-taxxa Ungeriża dwar it-trasferiment ta' proprjetà immobbli kienet tidher li qiegħda tikser l-obbligi tar-Repubblika tal-Ungerija taħt l-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE u l-artikoli korrispondenti tal-Ftehim ŻEE.

7. Hija esprimiet il-fehma li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi CXVII u tal-Liġi XCIII kisru l-prinċipji tal-moviment liberu tal-persuni u l-libertà tal-istabbiliment peress li jimponu piż ta' taxxa iżjed oneruż fuq ix-xiri ta' proprjetà residenzjali fl-Ungerija fejn ikun hemm bejgħ relatat ta' proprjetà residenzjali li tinsab fi Stat Membru ieħor milli meta l-bejgħ relatat ikun ta' proprjetà residenzjali fit-territorju Ungeriż. Minħabba n-natura diskriminatorja tagħhom, dawn id-dispożizzjonijiet għaldaqstant jirrappreżentaw ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema u tal-kapital kif ukoll tal-libertà tal-istabbiliment.

8. Fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Awwissu 2007, il-Gvern Ungeriż irrikonoxxa li d-dispożizzjonijiet tal-Paragrafu 63 tal-Liġi CXVII jirrappreżentaw ksur tal-leġiżlazzjoni Komunitarja (illum id-dritt tal-Unjoni) u ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jadotta leġiżlazzjoni ġdida li tiggarantixxi li l-persuni taxxabbli jiġu ttrattati b'mod ugwali. Madankollu, fir-rigward tal-Artikolu 21(5) tal-Liġi XCIII, il-Gvern Ungeriż sostna l-fehma tiegħu li dawn id-dispożizzjonijiet huma skont ir-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu.

9. Fis-27 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata fejn sostniet l-ilmenti stabbiliti fl-ittra tagħha qabel ir-rikors tagħha tat-23 ta' Marzu 2007 fir-rigward tal-Paragrafu 2 b'rabta mal-Artikolu 21(5) tal-Liġi XCIII u sostniet il-fehma tagħha li dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi tat-taxxa Ungeriża kienu jiksru l-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE.

10. Peress li, fir-risposta tagħhom għal dik l-opinjoni motivata, l-awtoritajiet Ungeriżi essenzjalment żammew il-pożizzjoni tagħhom

li d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar it-taxxa Ungeriża inkwistjoni huma konformi mad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

IV — Analiżi

A — *Argumenti ewlenin tal-partijiet*

11. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li permezz tal-għoti, għall-finijiet tal-istabbiliment tal-bażi tal-istima għat-taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà, tal-possibbiltà għat-tnaqqis tal-valur tal-proprjetà mibjugħa mill-valur tal-proprjetà mixtrija fil-każ ta' bejgħ ta' proprjetà residenzjali li tinsab fit-territorju Ungeriż, filwaqt li tali tnaqqis jiġi miċħud jekk il-proprjetà residenzjali tkun tinsab fi Stat Membru ieħor, id-dispożizzjonijiet tal-liġi tat-taxxa Ungeriża inkwistjoni jmorru kontra l-prinċipji tal-moviment liberu għall-persuni u l-libertà tal-istabbiliment stabbiliti fl-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE u l-Artikoli 28 u 31 tal-Ftehim ŻEE u jirrappreżentaw ostakolu għall-eżerċizzju ta' dawk il-libertajiet.

12. Hija targumenta, essenzjalment, li b'konsegwenza tal-esklużjoni tal-vantaġġ fiskali deskritt, iċ-ċittadini barranin jew Ungeriżi li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor u li jkunu xtraw proprjetà immobbli hemmhekk, jistgħu jiġu skoraġġiti milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu u milli jistabbilixxu ruħhom fl-Ungerija.

13. Il-Kummissjoni tqis li tali persuni, li jistgħu jkunu diġà ħallsu taxxi f'ammont simili fl-Istat fejn kienu jirrisjedu qabel meta xtraw il-proprjetà, ikunu f'sitwazzjoni li hija oġġettivament komparabbli ma' dik ta' persuni li jkunu xtraw il-proprjetà residenzjali preċedenti tagħhom fl-Ungerija. B'konsegwenza ta' dan, tali persuni għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali fir-rigward tat-taxxa Ungeriża imposta fuq it-trasferiment tal-proprjetà. Madankollu, peress li l-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni tqiegħed lil dawk li jixtru l-proprjetà residenzjali minflok il-proprjetà residenzjali tagħhom li tinsab fi kwalunkwe Stat Membru ieħor — fis-sens li jkollhom iħallsu t-taxxa tat-trasferiment fuq l-ammont totali tal-valur tal-proprjetà kkonċernata — f'pożizzjoni inqas favorevoli minn dawk li bl-istess mod jixtru l-proprjetà iżda li kien diġà kellhom proprjetà ġewwa t-territorju tal-Ungerija, hija tittratta sitwazzjonijiet simili b'mod differenti u għaldaqstant tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni.

14. Skont il-Kummissjoni, tali differenza fit-trattament ma hijiex oġġettivament ġustifikata.

15. F'dan ir-rigward, hija ma taċċettax il-fehma li r-regoli dwar it-taxxa jistgħu jkunu ġġustifikati bil-bżonn li tinżamm il-koeżjoni

tas-sistema tat-taxxa, għax ma hemmx konnessjoni diretta bejn il-vantaġġ fiskali kkonċernat u t-tpaċija ta' tali vantaġġ kif meħtieġ skont il-ġurisprudenza stabbilita f'dak ir-rigward. B'mod iżjed partikolari, ma hemmx relazzjoni diretta bejn l-akkwist ta' proprjetà residenzjali oħra, bl-obbligu riżultanti tal-ħlas tat-taxxa, u l-bejgħ tal-ewwel proprjetà u t-taxxi mħallsa f'dak iż-żmien, fejn dawn huma kwistjonijiet li l-leġiżlatura Ungeriża biss tqis li huma konnessi.

16. Barra minn hekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, il-ksur tal-libertajiet fundamentali li dwaru qed isir ilment f'din il-kawża ma jista' jiġi ġġustifikat la permezz ta' riferiment għall-prinċipju tat-territorjalità invokat mill-Gvern Ungeriż, u lanqas bħala mezz biex jiġu preklużi abbużi li jistgħu jseħħu b'konnessjoni mal-amministrazzjoni tal-vantaġġ fiskali inkwistjoni jew fuq il-bażi tad-diffikultajiet amministrattivi u kumplikazzjonijiet serji li bihom, skont kif qiegħed jiġi allegat, jistgħu jiġu kkonfrontati l-awtoritajiet Ungeriżi f'dan il-kuntest.

17. Il-Kummissjoni tikkonċedi, madankollu, li r-Repubblika tal-Ungerija tista' timponi rekwiżiti speċifiċi fuq il-persuna taxxabbli sabiex tikseb l-informazzjoni meħtieġa, iżda, fi kwalunkwe każ, dawk ir-rekwiżiti ma jistgħux ikunu sproporzjonati għall-oġġettiv li jrid jintlaħaq.

18. Il-Gvern Ungeriż jikkontesta l-pożizzjoni li ħadet il-Kummissjoni li r-regola tat-taxxa inkwistjoni, li b'mod ċar tikkonċerna t-tassazzjoni diretta, tmur kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-Ftehim ŻEE relatati mal-moviment liberu tal-persuni u l-libertà tal-istabbiliment.

19. F'dan ir-rigward, tenfasizza, b'mod partikolari, li persuni li jixtru proprjetà residenzjali fl-Ungerija għall-ewwel darba u li qabel kellhom proprjetà residenzjali fi Stat Membru ieħor ma humiex f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik ta' persuni li jagħmlu t-tieni xiri ta' proprjetà residenzjali fl-Ungerija sabiex jissostitwixxu l-proprjetà li tinsab fl-Ungerija.

20. Anzi, huma dawk kollha li jixtru proprjetà fit-territorju Ungeriż għall-ewwel darba li għandhom jitqiesu li qegħdin f'pożizzjoni komparabbli għall-finijiet tal-liġi dwar it-tassazzjoni inkwistjoni ma' dawk li jagħmlu t-tieni xiri ta' proprjetà fit-territorju Ungeriż sabiex tissostitwixxi l-proprjetà li diġà kellhom hemm. Fil-fatt, dawk il-gruppi huma ttrattati b'mod ugwali taħt il-liġi Ungeriża dwar it-taxxi, irrispettivament min-nazzjonalità jew residenza. Il-vantaġġ fiskali inkwistjoni għaldaqstant ma jammontax għal trattament diskriminatorju.

21. F'dan il-kuntest, il-Gvern Ungeriż iqajjem il-punt li d-distinzjoni bejn dawk li jixtiequ jixtru proprjetà residenzjali fl-Ungerija għall-ewwel darba u dawk li, waqt li jbigħu proprjetà li fuqha tkun diġà ġiet

imposta t-taxxa tat-trasferiment, jixtru proprjetà ġdida fl-Ungerija, hi oġġettivament ġustifikata fid-dawl tal-fatt li s-setgħat fil-qasam tat-taxxa tal-Ungerija fir-rigward ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli huma limitati għat-territorju tagħha. Madankollu, kif jidher mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li hija bbażata fuqha s-sentenza Schumacker, il-fatt li Stat Membru ma jagħtix lil persuna mhux residenti ċerti benefiċċji fiskali li jagħti lil residenti ma huwiex, bħala regola, diskriminatorju peress li dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni li jħallsu t-taxxa ma humiex f'sitwazzjoni komparabbli [2].

22. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni tikkostitwixxix ostakolu għad-dritt tal-moviment liberu kif mogħti taħt l-artikoli tat-Trattat invokati mill-Kummissjoni, il-Gvern Ungeriż ifakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-Trattat ma joffri l-ebda garanzija lil ċittadin tal-Unjoni li t-trasferiment tal-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru ieħor differenti minn dak li fih kien jirrisjedi qabel, se jkun newtrali fir-rigward tat-tassazzjoni. Minħabba d-differenzi fil-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa tal-Istati Membri, tali trasferiment jista' jkun vantaġġjuż għaċ-ċittadin f'termini ta' tassazzjoni indiretta u jista' ma jkunx, skont iċ-ċirkustanzi [3].

23. Fi kwalunkwe każ, skont il-Gvern Ungeriż, anki jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni għandha titqies bħala restrizzjoni fuq il-libertà tal-moviment, hija oġġettivament iġġustifikata fid-dawl tal-prinċipju fiskali tat-territorjalità u bil-bżonn tal-protezzjoni tal-koeżjoni tas-sistema tat-tassazzjoni nazzjonali. Fir-rigward tal-aħħar raġuni ta' ġustifikazzjoni, ir-rekwiżit li jkun hemm "konnessjoni diretta" bejn il-vantaġġ fiskali kkonċernat u t-tpaċija ta' tali vantaġġ ma għandux jinftiehem b'mod daqshekk strett kif qed tikkontendi l-Kummissjoni, għax ma huwiex neċessarju li t-tnaqqis fit-taxxa mogħti fuq it-tieni xiri tal-proprjetà jkun jikkorrispondi eżattament mat-taxxa imposta fuq l-ewwel xiri tal-proprjetà.

24. Il-Gvern Ungeriż jenfasizza, finalment, li l-obbligu li tiġi kkunsidrata t-taxxa li tista' tiġi imposta fuq it-trasferiment tal-proprjetà fi Stat Membru ieħor iwassal għal kumplessità eċċessiva fis-sistema tat-taxxa tiegħu u taffaċċja diffikultajiet amministrattivi serji, għax fil-prattika ma huwiex possibbli li jiġi vverifikat jekk u sa fejn taxxa fuq trasferiment komparabbli ġietx imposta fuq ix-xiri ta' proprjetà immobbli xi mkien barra l-Ungerija u biex b'mod effettiv jiġi prekluż l-abbuż tal-vantaġġ fiskali inkwistjoni. Mill-banda l-oħra, kuntrarju għas-sottomissjoni tal-Kummissjoni, ma huwiex għan tal-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa li jiġi evitat tnaqqis fid-dħul fiskali.

2 — Ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker (C-279/93, Ġabra p. I-225, punt 34).

3 — Abbażi, *inter alia*, tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Schempp (C-403/03, Ġabra p. I-6421, punt 45).

B — *Evalwazzjoni*

25. Fuq punt preliminari, fil-fehma tiegħi, kuntrarjament għal dak li kkontendiet il-Kummissjoni fir-rikors tagħha, ma hemm l-ebda raġuni li tiddaħħal fil-kwistjoni l-karatterizzazzjoni, mill-Gvern Ungeriż, tat-taxxa fuq il-proprjetà fuq it-trasferiment tal-proprjetà immobbli inkwistjoni f'din il-kawża bħala forma ta' taxxa diretta, sa fejn din evidentament tinġabar direttament mill-persuna li ġġorr ukoll il-piż ekonomiku tagħha [4].

26. Fir-rigward tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju li l-Kummissjoni ċċitat f'dan il-kuntest, ikun biżżejjed li wieħed josserva li l-kawża, l-ewwel nett, kienet tikkonċerna taxxa differenti, jiġifieri dazji ta' reġistrazzjoni u li, it-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja, biex twieġeb id-domandi preliminari magħmula lilha, essenzjalment adottat il-klassifikazzjoni bħala taxxa indiretta għat-taxxa inkwistjoni f'dik il-kawża magħmula mill-qorti nazzjonali [5].

27. Dan premess, għandu jitfakkar, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li għalkemm it-tassazzjoni diretta taqa' taħt il-kompetenza tagħhom, l-Istati Membri għandhom, minkejja dan, jeżerċitaw dik il-kompetenza b'mod konsistenti mad-dritt Komunitarju [6].

28. Għaldaqstant hu meħtieġ li jiġi meqjus jekk, kif issostni il-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni Ungeriża relatati mat-tassazzjoni tat-trasferimenti tal-proprjetà immobbli bi ħlas, u b'mod partikolari il-Paragrafu 2 flimkien mal-Artikolu 21(5) tal-Liġi XCIII, jikkostitwixxux restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-persuni u l-libertà tal-istabbiliment stipulati fl-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE, u fl-Artikoli 28 u 31 tal-Ftehim ŻEE.

29. Fir-rigward, qabel xejn, tal-ilment li r-Repubblika tal-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 18 KE, li jistabbilixxi f'termini ġenerali d-dritt ta' kull ċittadin tal-Unjoni li jiċċaqlaq u jirrisjedi bil-libertà fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri, jissarraf f'espressjoni speċifika fl-Artikolu 39 KE fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema u fl-Artikolu 43 KE fir-rigward tal-libertà tal-istabbiliment. Għaldaqstant ikun xieraq li jiġi kkunsidrat, l-ewwel nett, jekk ir-reġim tat-taxxa inkwistjoni huwiex kuntrarju għall-Artikoli 39 KE u 43 KE qabel ma wieħed idur,

4 — Fir-rigward ta' dik id-distinzjoni li hija b'mod komuni aċċettata bejn it-taxxa diretta u t-taxxa indiretta, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl fis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, Banca Popolare di Cremona (C-475/03, Ġabra p. I-9373, punti 54 u 55).

5 — Is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006 (C-199/05, Ġabra p. I-10485, b'mod partikolari l-punt 17.

6 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-152/05, Ġabra p. I-39, punt 16); tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer (C-446/03, Ġabra p. I-10837, punt 29); tas-26 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-345/05, Ġabra p. I-10633, punt 10); u tat-18 ta' Jannar 2007, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-104/06, Ġabra p. I-671, punt 12).

it-tieni nett, għal eżami ta' dak ir-reġim fid-dawl tal-Artikolu 18 KE [7].

30. F'dan il-kuntest għandu jitfakkar, mill-bidunett, li kull ċittadin ta' Stat Membru, irrispettivament mill-post tar-residenza u ċ-ċittadinanza tiegħu, li qiegħed jeżerċita jew li diġà eżerċita d-dritt tal-moviment liberu tal-ħaddiema jew il-libertà tal-istabbiliment u li kien impjegat fi Stat Membru ieħor minbarra dak tar-residenza tiegħu jaqa' taħt l-ambitu tal-Artikolu 39 KE jew tal-Artikolu 43 KE, skont xi jkun il-każ [8].

31. Għandu jiġi osservat, imbagħad, li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-persuni huma intiżi sabiex jagħmluha iżjed faċli li ċ-ċittadini tal-Unjoni jsegwu attivitajiet ta' xogħol ta' kull xorta madwar l-Unjoni, u jipprekludu miżuri li jistgħu jqiegħdu ċ-ċittadini tal-Unjoni fi żvantaġġ meta jkunu jixtiequ jwettqu attività ekonomika fit-territorju ta' Stat Membru ieħor [9].

32. Għaldaqstant, ir-regoli tal-moviment liberu tal-ħaddiema u dawk li jikkonċernaw il-libertà tal-istabbiliment huma, b'mod partikolari, immirati sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini u l-kumpanniji barranin jiġu ttrattati fl-Istat Membru ospitanti bl-istess mod bħal ċittadini ta' dak l-Istat [10].

33. F'din il-kawża, il-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa inkwistjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 21(5) tal-Liġi XCIII, qiegħda tiġi kkritikata mill-Kummissjoni fuq il-bażi li, sabiex jiġi ddeterminat jekk xerrej ta' proprjetà residenzjali fl-Ungerija jistax inaqqas il-valur kummerċjali, għall-finijiet tal-kalkolu tal-bażi tal-istima għat-taxxa riżultanti mit-trasferimenti tal-proprjetà bi ħlas, ta' proprjetà residenzjali oħra mibjugħa fis-sena ta' qabel jew wara x-xiri tal-proprjetà kkonċernata, tagħmel distinzjoni fuq il-bażi ta' jekk il-proprjetà li kellu qabel u li nbiegħet tinsabx fl-Ungerija. Skont il-Kummissjoni, b'konsegwenza tad-differenza fit-trattament fiskali bejn persuni taxxabbli, skont jekk ikunux ċittadini barranin jew Ungeriżi, li jbigħu proprjetà li tinsab fl-Ungerija u persuni taxxabbli li jbigħu proprjetà li tinsab barra t-territorju Ungeriż, ir-reġim tat-taxxa inkwistjoni hu diskriminatorju u jista' jiskoraġġixxi tali persuni taxxabbli milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu u l-libertà tal-istabbiliment.

34. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li s-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni, li fuqha jinsab l-oneru li tistabbilixxi l-eżistenza tal-ksur allegat tad-dritt Komunitarju/dritt

7 — Ara, għal dan il-għan, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 13 u 14, u s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 18 u 19.

8 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni v Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 20; is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Ritter-Coulais (C-152/03, Ġabra p. I-1711, punt 31); tas-7 ta' Settembru 2006, N (C-470/04, Ġabra p. I-7409, punt 28), u tat-18 ta' Lulju 2007, Hartmann (C-212/05, Ġabra p. I-6303, punt 17).

9 — Ara s-sentenza il-Kummissjoni v L-Isvezja, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 17; is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 94); tat-2 ta' Ottubru 2003, van Lent (C-232/01, Ġabra p. I-11525, punt 15) u tad-29 ta' April 2004, Weigel (C-387/01, Ġabra p. I-4981, punt 52).

10 — Ara, pereżempju, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Columbus Container Services (C-298/05, Ġabra p. I-10451, punt 33) u s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Isvezja, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 19.

tal-Unjoni f'kawża għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu [11], kienu ambigwi dwar jekk id-differenza taħt il-leġiżlazzjoni tat-taxxa Ungeriża li dwarha sar l-ilment tammontax għal diskriminazzjoni fuq il-bażi tar-residenza. Għaldaqstant, minn naħa waħda, il-Kummissjoni kkontendiet li l-leġiżlazzjoni kkontestata b'mod partikolari tiskoraġġixxi l-persuni li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor milli jistabbilixxu ruħhom fl-Ungerija, pereżempju, billi jibdew jaħdmu hemm. Min-naħa l-oħra, b'mod speċifiku ċaħdet ir-riferiment magħmul mill-Gvern Ungeriż għall-ġurisprudenza Schumacker [12], meta ddikjarat f'dan il-kuntest li d-distinzjoni magħmula mir-reġim tat-taxxa inkwistjoni ma hijiex ibbażata fuq ir-residenza, peress li din il-kawża tikkonċerna persuni li jħallsu t-taxxa li jew huma residenti, jew waslu biex isiru residenti, fl-Ungerija.

35. Fi kwalunkwe każ, skont l-argument tal-Kummissjoni, id-diskriminazzjoni tidher li toħroġ ġeneralment minħabba t-trattament fiskali inqas favorevoli ta' trasferimenti ta' domiċilju minn Stat Membru ieħor għall-Ungerija meta mqabbla ma' trasferimenti ta' domiċilju fi ħdan it-territorju Ungeriż. Il-Kummissjoni essenzjalment hi tal-fehma li skont il-prinċipju tal-ugwaljanza (fiskali), din l-ewwel sitwazzjoni transkonfinali msemmija għandha tirċievi l-istess trattament fiskali bħas-sitwazzjoni domestika msemmija l-aħħar, jiġifieri, għandha twassal għall-intitolament għall-vantaġġ fiskali inkwistjoni f'din il-kawża.

36. Kif irrikonoxxew iż-żewġ partijiet f'dan ir-rikors, f'dan il-kuntest, jekk il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, u għaldaqstant din il-kawża għall-ksur, hijiex fondata, jiddependi fuq id-domanda dwar jekk is-sitwazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq — dik ta' persuna li tħallas it-taxxa li tbigħ proprjetà immobbli li tinsab fl-Ungerija, fuq naħa waħda, u dik ta' persuna li tħallas it-taxxa li tbigħ proprjetà immobbi barra l-Ungerija, fuq in-naħa l-oħra — humiex oġġettivament komparabbli fir-rigward tal-vantaġġ fiskali (il-possibbiltà ta' tnaqqis tal-valur tas-suq tal-proprjetà mibjugħa mill-bażi ta' stima tat-taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà) inkwistjoni.

37. Fil-fatt, dan hu konsegwenza tal-fatt li, skont il-ġurisprudenza stabbilita, id-diskriminazzjoni tista' tirriżulta biss permezz tal-applikazzjoni ta' regoli differenti għal sitwazzjonijiet komparabbli jew l-applikazzjoni tal-istess regoli għal sitwazzjonijiet differenti [13].

38. Għaldaqstant, id-diskriminazzjoni kontra kategorija waħda ta' persuni taxxabbli meta mqabbla ma' kategorija oħra ta' persuni taxxabbli tista' titqajjem biss jekk s-sitwazzjoni ta' dawn il-gruppi

11 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-194/01, Ġabra p. I-4579, punt 34) u tat-22 ta' Settembru 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (272/86, Ġabra p. 4875, punt 17).

12 — Is-sentenza Schumacker, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 34.

13 — Ara, f'dan ir-rigward, pereżempju, is-sentenzi tat-22 ta' Marzu 2007, Talotta (C-383/05, Ġabra p. I-2555, punt 18) u tat-18 ta' Lulju 2007, Lakebrink u Peters-Lakebrink. (C-182/06, Ġabra p. I-6705, punt 27).

tkun komparabbli fir-rigward tar-regoli ta' tassazzjoni kkonċernati [14].

39. F'din il-kawża, l-Ungerija hija għaldaqstant mitluba li toffri l-vantaġġ fiskali inkwistjoni lil persuni taxxabbli li jbigħu l-proprjetà residenzjali barra t-territorju Ungeriż biss jekk is-sitwazzjoni tagħhom titqies bħala oġġettivament komparabbli, fil-kuntest tat-taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà inkwistjoni, mas-sitwazzjoni ta' persuna taxxabbli li tbigħ proprjetà li tinsab fi ħdan territorju Ungeriż [15].

40. Għandu jiġi osservat f'dan il-kuntest li, kemm fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha u kif ukoll fis-seduta, il-Kummissjoni essenzjalment illimitat ruħha, fir-rigward tal-approċċ xieraq li kellu jintgħażel fir-risposta għall-kwistjoni tal-komparabbiltà oġġettiva f'din il-kawża, sabiex tgħid li, fil-fehma tagħha, ma hemmx differenza oġġettiva bejn persuna taxxabbli li tixtri l-ewwel proprjetà residenzjali fl-Ungerija u waħda li tixtri l-ewwel proprjetà residenzjali xi mkien ieħor fl-Unjoni.

41. Minbarra l-fatt li tali argument, fih innifsu, ma tantx huwa konklużiv, naħseb li l-analiżi tal-Kummissjoni f'din il-kawża hija bbażata fuq premessa li ma tikkunsidrax biżżejjed il-fatt li fl-istadju attwali tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni u tal-armonizzazzjoni tal-liġi nazzjonali fil-qasam tat-taxxi diretti, ma nistgħux nipperċepixxu l-Komunità/l-Unjoni bħala "żona tat-tassazzjoni" unika jew sovranità tat-taxxa li tagħmel il-lokalizzazzjoni tal-persuni taxxabbli jew il-proprjetà, jew il-moviment tagħhom f'din iż-żona, irrelevanti fir-rigward tar-responsabbiltà tagħhom għal taxxi diretti.

42. Fil-verità, madankollu, minn perspettiva ta' tassazzjoni diretta, il-Komunità/l-Unjoni tippreżenta lilha nnifisha bħala mużajk ta' sistemi tat-taxxa nazzjonali koeżistenti u sovranitajiet fiskali, fejn, bħala prinċipju, kull Stat Membru jiddetermina l-organizzazzjoni u l-konċepiment tas-sistema tat-taxxa tiegħu u jeżerċita s-setgħat tat-tassazzjoni tiegħu, skont il-prinċipju fiskali tat-territorjalità, b'rabta mal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tiegħu [16].

43. Minkejja li s-sovranità fiskali hija suġġetta għar-rekwiżiti tad-dritt tal-Komunità/l-Unjoni, b'mod partikolari l-libertajiet fundamentali, u minkejja li l-allokazzjoni tas-setgħat nazzjonali tat-tassazzjoni hija kkoordinata sa ċertu punt permezz ta' konvenzjonijiet dwar it-tassazzjoni, xorta jibqa' l-fatt għaldaqstant li l-aspetti

14 — Ara wkoll f'dan ir-rigward, is-sentenza *Schempp*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 29 u s-sentenza tat-18 ta' Novembru 2007, Amurta (C-379/05, Ġabra p. I-9569, punt 33).

15 — Ara, għall-kuntrarju, is-sentenza Schumacker, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 34.

16 — Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenzi tat-12 ta' Frar 2009, Block (C-67/08, Ġabra p. I-883, punti 28 sa 30) u tat-28 ta' Jannar 1992, Bachmann (C-204/90, Ġabra p. I-249, punt 23); fir-rigward tal-prinċipju fiskali tat-territorjalità, ara s-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 75) u tal-15 ta' Mejju 1997, Futura Participations (C-250/95, Ġabra p. I-2471, punt 22).

territorjali, bħall-post ta' residenza jew il-post fejn tinsab il-proprjetà, jistgħu jkunu ta' rilevanza oġġettiva fl-eżerċizzju tas-setgħa tat-tassazzjoni mill-Istati Membri.

44. Minkejja dan, madankollu, il-problema hija sabiex jiġi identifikat jekk f'każ speċifiku, il-leġiżlazzjoni tat-taxxa tistax tiġi bbażata fuq tali kriterju jew, fi kliem ieħor, jekk is-sitwazzjonijiet ta' żewġ persuni li jħallsu t-taxxa humiex, minkejja differenza relatata ma' residenza jew post, oġġettivament komparabbli. Dik id-domanda għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi ddeterminata u evalwata permezz ta' riferiment għall-iskop u l-kontenut tar-reġim tat-taxxa nazzjonali speċifiku li jagħmel id-distinzjoni inkwistjoni [17].

45. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jżomm f'moħħu f'din il-kawża li t-taxxa inkwistjoni tikkostitwixxi taxxa imposta fuq it-trasferiment ta' proprjetà bi ħlas. B'rabta mal-proprjetà immobbli, ma hijiex xi ħaġa rari u fil-fatt, kif issottometta l-Gvern Ungeriż, hija konsistenti mal-prinċipju fiskali tat-territorjalità li tali tassazzjoni tkun dipendenti fuq il-post fejn il-proprjetà immobbli tkun tinsab bħala fattur ta' konnessjoni. Dak il-kriterju jkun għaldaqstant, fih innifsu, oġġettivament konsistenti mat-tip ta' taxxa inkwistjoni.

46. Għandu jiġi osservat imbagħad li, permezz tal-adozzjoni tal-Artikolu 21(5) tal-Liġi XCIII li qed jiġi kkontestat, l-Ungerija għażlet li teżerċita s-setgħat tat-tassazzjoni tagħha fuq it-trasferiment tal-proprjetà b'tali mod li, suġġett għall-kundizzjonijiet kif definiti fid-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq, it-tieni xiri ta' proprjetà residenzjali tkun intaxxata biss fuq il-bażi tad-differenza bejn il-valur tal-proprjetà mixtrija u dik tal-proprjetà mibjugħa. Ma ġiex ikkontestat li l-għażla hija leġittima u taqa' taħt is-sovranità tat-taxxa Ungeriża, għax ikun leġittimu għaliha li jew ma timponi l-ebda taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà residenzjali jew, għall-kuntrarju, li tieħu bħala l-bażi tal-istima l-valur tas-suq tal-proprjetà mixtrija mingħajr tnaqqis fuq kull xiri ta' tali proprjetà.

47. Anki jekk, kif uriet il-Kummissjoni, it-tnaqqis mogħti skont dak il-mekkaniżmu ma jkunx neċessarjament jikkorrispondi mat-taxxa imposta fuq l-ewwel xiri ta' proprjetà residenzjali, jibqa' l-fatt li l-persuna taxxabbli kkonċernata tkun, taħt il-leġiżlazzjoni tat-taxxa inkwistjoni, diġà ġiet suġġetta għal taxxa tat-trasferiment Ungeriża fir-rigward ta' dik il-proprjetà.

17 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Amurta, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 33; is-sentenza tal-14 ta' Settembru 1999, Frans Gschwind (C-391/97, Ġabra p. I-5451, punt 26); ara wkoll is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (C-127/07, Ġabra p. I-9895, punt 26). Minn dan isegwi li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan l-aspett fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, bħal fis-sentenza Schumacker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2) invokata mill-Gvern Ungeriż, jew is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Manninen (C-319/02, Ġabra p. I-7477) li qed tibbaża fuqha l-Kummissjoni, għandhom jinqraw fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kull każ, u b'mod partikolari, fid-dawl tat-taxxa speċifika inkwistjoni u ma jistgħux jiġu trasposti għal-leġiżlazzjoni tat-taxxa inkwistjoni f'din il-kawża.

48. F'dan il-kuntest, li jintalab li l-Ungerija tikkunsidra l-valur fis-suq tal-proprjetà residenzjali mixtrija u mibjugħa fi Stat Membru ieħor u, għaldaqstant, ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli li ma ġġenerax taxxa tat-trasferiment favur l-Ungerija, ikun jirriżulta f'interferenza serja mal-livell u l-limitu tat-tassazzjoni leġittimament [18] magħżula mill-Ungerija fir-rigward tat-trasferimenti tal-proprjetà residenzjali.

49. Fil-fehma tiegħi, għaldaqstant, il-Gvern Ungeriż issottometta b'mod korrett li s-sitwazzjoni ta' persuna taxxabbli li xtrat u biegħet proprjetà residenzjali fit-territorju Ungeriż hija, fir-rigward tal-kontenut u l-iskop tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni, oġġettivament differenti minn dik ta' persuna taxxabbli li xtrat u biegħet proprjetà residenzjali fi Stat Membru ieħor, fuq il-bażi li fl-ewwel sitwazzjoni, ix-xiri tal-proprjetà kien suġġett għal taxxa fuq it-trasferiment fl-Ungerija, filwaqt li t-trasferiment tal-proprjetà inkwistjoni fit-tieni sitwazzjoni, skont il-prinċipju fiskali tat-territorjalità, ma huwiex suġġett għal tassazzjoni Ungeriża.

50. Fi kliem ieħor, mill-perspettiva tas-setgħat tat-tassazzjoni tal-Ungerija, li huma, skont il-prinċipju fiskali tat-territorjalità, limitati, fir-rigward tat-taxxa fuq it-trasferiment, għal attivitajiet fi ħdan it-territorju tiegħu, persuni taxxabbli f'sitwazzjoni purament domestika u persuni taxxabbli f'sitwazzjoni transkonfinali huma ttrattati b'mod ugwali fis-sens li kull min jixtri proprjetà residenzjali li tinsab fl-Ungerija għall-ewwel darba jiġi ntaxxat fuq il-valur sħiħ tal-proprjetà kkonċernata, filwaqt li kull min sussegwentement jagħmel it-tieni xirja ta' proprjetà residenzjali li tinsab fl-Ungerija huwa intitolat, suġġett għall-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti fil-Artikolu 21(5) tal-Liġi XCIII, li jiġi ntaxxat biss fuq il-bażi tad-differenza bejn il-valur tal-proprjetà mixtrija u (l-ewwel) proprjetà mibjugħa.

51. Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għas-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni, il-Paragrafu 2 b'rabta mal-Artikolu 21(5) tal-Liġi XCIII ma huwiex diskriminatorju meta jippermetti li l-valur tal-proprjetà residenzjali mibjugħa jiġi kkunsidrat għall-finijiet tal-istabbiliment tal-bażi tal-istima għal taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà bil-kondizzjoni biss li l-proprjetà tinsab fl-Ungerija.

52. Safejn il-Kummissjoni ssostni li dak ir-reġim tat-taxxa jista', billi jiċħad il-vantaġġ fiskali tiegħu għal persuni taxxabbli li jitrasferixxu l-proprjetà residenzjali tagħhom fl-Ungerija, madankollu jikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-persuni, għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja qalet li t-Trattat ma joffri l-ebda garanzija lil ċittadin tal-Unjoni li t-trasferiment tal-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru ieħor minbarra dak li fih kien jirrisjedi qabel se jkun newtrali fir-rigward tat-tassazzjoni. Minħabba d-differenzi fil-leġiżlazzjoni tat-taxxa tal-Istati Membri, tali trasferiment jista' jkun vantaġġjuż

18 — Ara l-punt 46 hawn fuq.

għaċ-ċittadin f'termini ta' tassazzjoni u jista' ma jkunx, skont iċ-ċirkustanzi [19].

53. F'dak ir-rigward, l-"effett ta' deterrent" possibbli tar-reġim tat-taxxa partikolari inkwistjoni fuq persuni li jixtiequ jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għall-moviment liberu bħala prinċipju ma huwiex differenti minn dak li jista' jqum minħabba s-sempliċi eżistenza ta' kwalunkwe taxxa diretta fi Stat Membru partikolari jew minħabba r-rata tat-taxxa relattivament għolja li Stat Membru jkun, fi kwalunkwe każ, liberu li jagħżel fl-eżerċizzju tas-sovranità fiskali tiegħu. Il-punt hu li tali effett restrittiv huwa, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża, ir-riżultat ta' differenzi bejn is-sistemi ta' tassazzjoni tal-Istati Membri iżjed milli tat-trattament tat-taxxa mhux favorevoli ta' sitwazzjonijiet transkonfinali inerenti fil-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa tal-Istat Membru kkonċernat fih innifsu, biex tali effett jiġi aċċettat bħala konsegwenza tal-koeżistenza ta' sistemi tat-taxxa nazzjonali differenti [20].

19 — Ara, f'dan ir-rigward, Block, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punti 34 u 35; is-sentenza Schempp, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 45 u s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Lindfors (C-365/02, Ġabra p. I-7183, punt 34).

20 — Ara, f'dan ir-rigward, anki s-sentenza Block, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 28; is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2006, Kerckhaert u Morres (C-513/04, Ġabra p. I-10967, punt 20) u Columbus Container Services, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 43. Għaldaqstant, f'din il-kawża, pereżempju, jekk l-Istat Membru li fih il-persuna tkun xtrat l-ewwel proprjetà residenzjali jintaxxa kull xiri ieħor, inkluż it-tieni xiri, ta' proprjetà residenzjali b'mod sħiħ u b'rata tat-taxxa ogħla minn dik applikabbli fl-Ungerija, dik il-persuna tista', skont il-loġika tal-argument tal-Kummissjoni, anki titħeġġeg, minkejja r-reġim tat-taxxa Ungeriż inkwistjoni, biex tistabbilixxi ruħha fl-Ungerija u biex tixtri t-tieni proprjetà residenzjali hemm, minflok timxi fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat.

54. Minn dan isegwi, l-ewwel nett, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi evalwat jekk il-leġiżlazzjoni tat-taxxa inkwistjoni hijiex iġġustifikata wkoll bil-bżonn li tinżamm il-koeżjoni tas-sistema fiskali jew il-prevenzjoni tal-abbużi tat-taxxa, li d-dispożizzjonijiet tal-Paragrafu 2 b'rabta mal-Artikolu 21(5) tal-Liġi XCIII ma humiex kuntrarji għall-Artikoli 39 KE u 43 KE.

55. It-tieni nett, fir-rigward ta' persuni li ma humiex ekonomikament attivi, tapplika l-istess konklużjoni, għall-istess raġunijiet, għall-ilment relatat mal-Artikolu 18 KE.

56. It-tielet nett, sa fejn il-Kummissjoni tallega wkoll li r-Repubblika tal-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 28 u 31 tal-Ftehim ŻEE, li huma essenzjalment identiċi għal dawk stabbiliti mill-Artikoli 39 KE u 43 KE u għal liema l-Kummissjoni ma ppreżentatx raġunament separat, tali lment għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet stabbiliti hawn fuq.

57. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nasal għall-konklużjoni li din il-kawża għal nuqqas tat-twettiq ta' obbligu għandha tiġi miċħuda.

V — Konklużjoni

58. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

1) tiċħad ir-rikors bħala infondat;

2) tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.